MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 3412/1996/1

**Mario u Maria konjuġi MALLIA**

**vs**

**Michael GRECH, David Grech u Alfred Grech**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-5 ta' Diċembru, 1996, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissrin, l-atturi talbu li, filwaqt li l-Qorti tiddikjara li l-imħarrkin qegħdin jokkupaw raba' li hija mikrija lill-atturi, tkeċċi lill-imħarrkin 'il barra mill-għalqa li qegħdin jokkupaw u tikkundannahom ukoll iħallsu lill-atturi s-somma ta' sitt mija u għaxar liri Maltin (Lm 610) bħala kumpens għall-uċuħ li l-imħarrkin qerdu meta daħlu fl-imsemmija għalqa u ħaduha f'idejhom;

Rat ix-xhieda mogħtija mill-partijiet quddiem il-Qorti;

Rat il-provi dokumentali mressqa minnhom;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-15 ta' Lulju, 2002[1], li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza wara li saret it-trattazzjoni tal-għeluq mill-avukati tal-partijiet (reġistrara);

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-1 ta' Ottubru, 2002, li bih u fuq talba magħmula mill-imħarrkin b'rikors tagħhom tat-30 ta' Settembru, 2002, waqfet milli tgħaddi għall-għoti tas-sentenza billi riedet tisma' xhud oħra;

Semgħet it-trattazzjoni addizzjonali tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal aċċertament ta' titolu ta' qbiel fuq raba' li jinsab f'idejn l-imħarrkin. Minbarra dan, l-atturi jgħidu li ġarrbu danni wkoll meta l-imħarrkin qerdu l-uċuħ li kien hemm fir-raba' dak iż-żmien li ħaduha f'idejhom;

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrkin jilqgħu billi jgħidu li l-art hija mqabbla lilhom ukoll u li l-atturi m'għandhomx il-qbiela tal-għalqa kollha. Jiċħdu li huma kkawżaw xi ħsara lill-atturi. Minħabba f'hekk, m'għandhom l-ebda obbligazzjoni lejhom;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li l-attriċi tiġi neputija ta' wieħed Joseph Żammit, li miet fil-15 ta' Marzu, 1994. L-attriċi tiġi bint ħuh Emanuel[2], filwaqt li l-imħarrkin jiġu wlied oħtu, Rita mart Emanuel Grech. Żammit kien jgħix f'razzett fi Triq it-Torri, l-Imqabba. Ir-raba' mertu tal-kawża jinsab fl-inħawi ta' Triq ix-Xantin, fl-Imqabba, fil-qasam magħruf bħala "L-Andar il-Qoton".

---

[1] Paġ. 179 tal-proċess
[2] Xhieda tal-attur 9.2.2000, f'paġ. 105 tal-proċess

Kien jagħmel parti minn ġid li biċċa minnu kien mibni. Kien hemm remissa, razzett (fejn kien joqgħod Joseph Żammit) u raba' tal-madwar. Ir-raba' waħdu fih kejl ta' tlitt itmien u nofs (3T 2S 6K)[3] u llum jagħmel parti mil-ġid amministrat mill-Uffiċċju Konġunt[4], billi qabel kien f'idejn l-Arċidjoċesi ta' Malta[5]. Għal xi żmien, l-art kienet mogħtija b'enfitewsi li jagħlaq. Iċ-ċens kien iħallsu kollu Joseph Żammit[6]. Fl-1970, l-utli dominju temporanju tal-istess raba' nqasam bejn l-enfitewti permezz ta' kuntratt pubbliku[7], wara li kienet ingħatat sentenza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Jannar, 1970. Fost il-persuni li qasmu l-imsemmi utli dominju, kien hemm omm l-imħarrkin – Rita mart Emanuel Grech – li messha l-porzjon numru ħamsa (5) mill-imsemmija għalqa. Dan is-sehem kien fih kejl ta' erba' sigħan u tliet kejliet u tliet kwarti (4S $3^3/_4$K)[8]. Jidher li, b'effett minn Awissu tal-1976[9], Rita Grech kienet qabblet ir-raba' li messha bil-kuntratt favur binha, l-imħarrek Alfred Grech. Min-naħa l-oħra, Joseph Żammit (li kien kontumaċi fuq l-istess kuntratt, u kien għalhekk rappreżentat minn Kuratur Deputat), messu s-sehem numru tlieta (3), li jiġi biswit dak li mess lil oħtu Rita Grech;

Illi fl-għalqa mertu tal-kawża saru qsami li jaqblu mal-mod kif l-għalqa nqasmet meta sar il-kuntratt. Dawn il-qsami għadhom fil-post u jidhru sallum il-ġurnata;

Illi ċ-ċens għalaq fl-1989[10] jew fl-1990[11]. Wara li kien għalaq iċ-ċens, dak il-ġid ingħata bi qbiela: r-remissa ngħatat b'kera lill-imħarrek Michael Vella[12], ir-raba' lill-attur, u r-razzett liz-ziju tal-attriċi. Ir-raba' tqabbel b'sitt liri Maltin (Lm 6) fis-sena. L-attur kien iħallas il-qbiela kollha lis-sid, u sa Diċembru tal-1994[13] jew Jannar tal-1995[14], is-

[3] Iġġib kejl ta' madwar 2735 m$^2$
[4] Dokti "B" (u "XX2") u "B1" (u "MM1" u "XX3"), f'paġġ. 7-8, 18, 83 u 84 u tal-proċess
[5] Dokti. "B2"(u "XX1"), f'paġġ. 9 u 82 tal-proċess
[6] Xhieda ta' Giovanni DeMartino 17.11.1999, f'paġ. 74 tal-proċess
[7] Dok "AG1", f'paġġ. 33 sa 43 tal-proċess
[8] Li jġibu madwar 820 m$^2$
[9] Dokti "AG1" sa "AG6", f'paġġ. 44-9 tal-proċess
[10] Xhieda tal-attriċi 19.1.1998 u 15.3.1999, f'paġġ. 23 u 60 tal-proċess
[11] Xhieda ta' Giovanni DeMartino 17.11.1999, f'paġ. 75 tal-proċess
[12] Xhieda tal-attur 9.2.2000, f'paġġ. 92-3 tal-proċess
[13] Dok "XX5", f'paġ. 87 tal-proċess
[14] Dok "XX6", f'paġ. 88 tal-proċess

sid kien jagħraf lilu biss bħala l-gabillott. Fl-1995[15], l-Uffiċċju Konġunt, madankollu, iddikjara li kien jagħraf lill-imħarrek Alfred Grech bħala l-gabillott tas-sehem numru ħamsa (5) mill-imsemmi raba', u beda jilqa' mingħandu l-ħlas tal-qbiela wkoll[16];

Illi f'Settembru tal-1994, inqala' inċident fejn iben l-atturi lemaħ lill-imħarrkin f'parti mill-għalqa li kienu jaħdmu l-atturi, u fiha tefgħu xi ġebel. Meta marru jkellmuhom, ġew fl-idejn. Minn Diċembru 'l quddiem, ma reġax daħal aktar fl-għalqa. Il-wiċċ li kien miżrugħ f'dak ir-raba' nħarat mill-imħarrkin. Fiż-żmien li l-imħarrkin daħlu fl-imsemmi raba' kien hemm miżrugħa l-patata, l-basal, il-felu, s-silla u l-ful[17]. Il-kawża nfetħet f'Diċembru tal-1996;

Illi f'din il-kawża, jeħtieġ li l-<u>konsiderazzjonijiet ta' xejra legali</u> marbuta mal-każ iduru fuq il-kwestjoni tat-titolu li ż-żewġ naħat jgħidu li għandhom fuq ir-raba' in kwestjoni. Dan sar meħtieġ għaliex, bis-saħħa tal-kuntratt ta' qasma li sar fl-1970, ir-raba' kien – fuq deċiżjoni mogħtija b'sentenza tal-Qorti tal-Appell – inqasam bejn is-sebat aħwa ulied ta' Grazia Żammit. Il-qasma kienet tirrigwarda l-utli dominju temporanju għaż-żmien li kien fadal mill-għotja ta' ċens temporanju li kien jagħlaq fl-1989. Ladarba kien ċens li jagħlaq, u ladarba kien ċens dwar fond li ma kienx dar tal-abitazzjoni, ir-regola hi li mal-għeluq tal-konċessjoni, il-ġid kien jerġa' jmur lura għand id-direttarju bit-titjib kollu li jkun sar fuqu[18]. Iżda f'dan il-każ, il-liġi tħalli għal eċċezzjoni f'każijiet fejn il-ġid miżmum minn (fost l-oħrajn) ċenswalist, ikun ingħata b'kera għal żmien stabilit[19];

Illi, fil-każ preżenti, ċ-ċens tar-raba' kien inqasam b'kuntratt bejn ulied Grazia Żammit matul iż-żmien li ċ-ċens kien għadu fis-seħħ. Kien inqasam ukoll bis-saħħa ta' sentenza li għaddiet f'ġudikat. Il-Qorti ma taqbel xejn mas-sottomissjoni tal-għaref difensur tal-atturi meta jgħid

---

[15] Dok "AG8", f'paġ. 51 tal-proċess
[16] Dokti "AG10" u "AG11", f'paġġ. 53-4 tal-proċess
[17] Stima f' Dok "A", f'paġ. 5 tal-proċess
[18] Art. 1522 tal-Kap 16
[19] Art. 1530(1) u 1531 tal-Kap 16

li l-qbiela maħluqa favur l-imħarrek minn ommu ma tiswa xejn. Ma kinitx biss, kif jgħid hu, relazzjoni interna ta' bejniethom: għall-kuntrarju, Rita Grech, bħala utilista tas-sehem maqsum tagħha mill-għalqa, kellha kull jedd li tagħti lil binha dak is-sehem bi qbiela. L-aqwa ħaġa hi li hija ma tathielux taħt xi titolu akbar milli seta' kellha. Il-kwestjoni kollha hi x'ġara minn dik il-qbiela meta ntemm it-titolu tal-konċedenti ommu. L-ewwel ħlas jidher li sar fl-1976. Il-liġi tgħid li l-kiri ta' raba' minn persuna li jkollha l-pussess ta' dak ir-raba' b'titolu temporanju (bħalma hija l-enfitewsi temporanja) jorbot lis-suċċessuri ta' dik il-persuna sakemm il-kirja ma ttulx għal aktar minn tmien (8) snin, u sakemm tkun saret taħt kundizzjonijiet ġusti. Meta saret il-qasma fl-1970, is-sehem tar-raba' li mess lil Rita Grech kien tqies li jistħoqq ċens ta' ħamsa u tletin ċenteżmu (35ċ), meta meħud mal-ammont sħiħ ta' ċens li kien jitħallas għall-għalqa kollha dak iż-żmien – jiġifieri lira u ħamsa u erbgħin ċenteżmi (Lm 1.45). Il-qbiela li l-imħarrek jidher li kien qed iħallas lil ommu kienet ta' lira Maltija (Lm 1.00) fis-sena;

Illi wara li għalaq iċ-ċens, ir-raba' ngħata bi qbiela lill-attur Michael Mallia minn min kien is-sid ta' dak ir-raba'. Ġara, iżda, li fl-1995, l-istess sid għaraf lill-imħarrek Michael Grech bħala l-gabillott tal-porzjon numru ħamsa (5) mill-istess raba' u dan jirrifletti s-sehem li omm l-istess imħarrek kien messha mal-kuntratt tal-qasma. Minbarra dan, l-istess sid li kien qiegħed jitħallas il-qbiela tal-għalqa kollha mingħand l-attur, kien qiegħed jitħallas ukoll mingħand l-imħarrek Alfred Grech il-qbiela tas-sehem li dan kien ingħata mingħand ommu. Din il-qagħda nisslet il-qofol tal-kwestjoni kollha li llum hemm bejn il-partijiet, u dan għaliex jidher li hemm jeddijiet li jirkbu fuq xulxin;

Illi minn mindu faqqgħet il-kwestjoni, is-sid m'hu qiegħed iżomm qbiela mingħand ħadd. Il-qbiela jidher li qed jitqiegħed b'depożitu fil-Qorti[20];

Illi jidher li, sakemm Joseph Żammit kien għadu jiflaħ, ir-raba' nħadem kollu minnu. L-attur daħal midħla tiegħu sa

[20] Xhieda tal-attur 9.2.2000, f'paġ. 108 tal-proċess

minn żmien li kien għadu għarus lill-attriċi, u, meta Żammit ma kienx għadu jiflaħ jaħdem ir-raba', mbagħad l-attur beda jaħdimha kolla waħdu hu fil-ħin li jkollu wara x-xogħol. Fuq dan il-fatt ukoll m'hemmx qbil, għaliex l-imħarrek Alfred Grech[21] jgħid li sa minn meta kien għadu ħaj u f'sikktu Joseph Żammit, biċċiet mill-għalqa kienu jinħadmu minn min kien messu s-sehem fil-qasma. Saħansitra jżid jgħid[22] li l-istess Joseph Żammit kien qallu biex, meta jiġi nieqes, il-porzjoni li kienet messet lilu seta' jaħdimha l-istess Alfred Grech. Min-naħa l-oħra, hemm xhieda li tgħid li Joseph Żammit kien jaħdem ir-raba' kollu għal xi żmien wara li kien sar il-kuntratt tal-qasma[23], iżda meta beda jgħejja u ma baqax aktar jaħdem ir-raba', wħud minn dawk li messhom ishma minnha bdew jidħlu u jaħdmu s-sehem tagħhom[24];

Illi dawn il-fatti juru li ċ-ċirkostanzi fattwali li kienu qegħdin iseħħu mal-medda taż-żminijiet ma kinitx qegħda tirrifletti dak li, fuq il-karti, jidher li kienet il-qagħda legali li nħolqot. F'każ bħal dan, il-Qorti trid tagħraf tgħarbel sewwa liema huma l-elementi siewja li għandha toqgħod fuqhom biex tasal għas-soluzzjoni tal-każ. Il-Qorti ssib li għandha żżomm quddiem għajnejha li, tajjeb jew ħażin, iż-żewġ partijiet jistrieħu fuq l-imġiba tas-sid biex iġibu 'l quddiem il-każ tagħhom. Dan jidher li huwa tabilħaqq element ewlieni għas-soluzzjoni tal-vertenza;

Illi f'kawża ta' din l-għamla, kollox jinbena fuq l-allegazzjoni tal-atturi li jgħidu li għandhom titolu ta' qbiela fuq ir-raba' mertu tal-każ. Huwa magħruf li l-parametri ta' kawża huma dawk li l-parti attriċi tagħżel biex tressaq 'il quddiem il-pretensjonijiet tagħha. Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, l-atturi jsejsu l-azzjoni tagħhom fuq il-premessa li l-imħarrkin m'għandhom l-ebda titolu għar-raba' u li, fil-każ tal-istess atturi jgawdu s-saħħa ta' titolu ta' lokazzjoni, u dan b'għarfien dirett mogħti lilhom minn min, fiż-żmien rilevanti, kien sid ir-raba'. Fil-qasam tal-biedja, il-lokazzjoni hija magħrufa bħala qbiela. Ladarba l-

[21] Xhieda tiegħu 13.2.2001, f'paġġ. 132-3 u 143-4 tal-proċ ess
[22] *Ibid.* paġġ. 142 u 145 tal-proċess
[23] Xhieda ta' Freddie Gauċi 27.2.2003, f'paġ. 189 tal-proċess
[24] Xhieda ta' Nenu Ghigo 27.2.2003, f'paġ. 194 tal-proċess

attur għażel dawn il-parametri, jsegwi li biex iwassal l-azzjoni tiegħu sal-għan maħsub minnu jrid jipprova dak li jallega. Min-naħa tagħhom, l-imħarrek Alfred Grech jiċħad li l-attur għandu dak il-jedd kollu għalih waħdu, u jisħaq li dwar parti li kienet messet lil ommu, l-attur qatt kellu xi titolu ta' qbiela għar-raba' mertu tal-kawża;

Illi huwa elementari li jingħad li, biex jiġi ippruvat kif imiss titolu ta' qbiela, huwa meħtieġ li jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li kien hemm ftehim bejn sid l-art u min jgħid li huwa gabillott. Il-pussess tar-raba' huwa biss wieħed mill-elementi kostitutivi tat-titolu tal-qbiela, iżda l-pussess waħdu ma jsarrafx dak it-titolu;

Illi l-fatt li bniedem kien jaħdem ir-raba' ma jagħtihx jedd awtomatiku ta' titolu ta' qbiela u lanqas ma juri b'daqshekk biss li dak il-jedd jinsab magħruf mis-sid. Hija r-rieda tal-liġi wkoll li kiri ta' raba' għal żmien ta' aktar minn erba' snin għandu jsir b'kitba taħt piena ta' nullita'[25]. Dan jingħad għalkemm ġie ukoll ritenut li l-kuntratt tal-qbiela ma jeħtieġx xi formalita' riġida għall-ħolqien tiegħu u għandu "elementi sempliċissimi"[26] Għaliex, kif ingħad, il-liġi tagħraf titoli oħrajn minbarra l-qbiela li bihom wieħed iżomm f'idejh u/jew jaħdem raba' li mhux tiegħu. Fost dawn hemm il-kommodat[27] u wkoll il-prekarju, li jixbah lil tal-ewwel, imma fil-każ tal-prekarju ma jissemmiex iż-żmien li l-ħaġa tkun qegħda tiġi mgħoddija lill-pussessur u b'hekk is-sid jista' jitlobha lura x'ħin irid[28]. Il-qbiela ma tistax tkun mingħajr konsiderazzjoni u jrid jintwera l-ħlas ta' korrispettiv[29] lis-sid;

Illi fil-każ preżenti, l-attur seħħlu juri bi prova tajba li hemm xi ftehim bejnu u sid l-art li jagħrfu bħala gabillott. Din il-prova li tressqet tikkonsisti fir-riċevuti tal-ħlas tal-qbiela. Fis-sewwa jingħad ukoll li l-imħarrkin ma jidhrux għal kollox kontra li l-attur iħaddan titolu għal parti minn dak ir-raba'. Dak li huma kontrih għall-aħħar hu li l-attur qabad u ħa l-qbiela kollha tar-raba' għalih. Min-naħa l-oħra, l-atturi

---

[25] Art. 1233(1)(e) tal-Kap 16

[26] App. Inf. **18.5.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Cutajar et noe vs Galea*** (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.1117**)

[27] Art. 1824 tal-Kap 16

[28] Art. 1839 tal-Kap 16

[29] App. Inf. **24.6.1968** fil-kawża fl-ismijiet ***Pio Vassallo vs Carmelo Said*** (mhix pubblikata)

jagħarfu li sakemm damet fis-seħħ l-enfitewsi ir-raba' kien inqasam. Huma, madankollu, issa jgħidu li, mat-tmiem ta' dik il-konċessjoni, kull jedd li seta' nħoloq intemm darba għal dejjem. Iżda huwa fatt ukoll li, fl-1995, is-sid iddikjara li l-imħarrek Alfred Grech kellu jedd ta' qbiela sewwasew għal dak is-sehem mill-għalqa li, fil-kuntratt tal-qasma, kien mess lil ommu Rita. L-atturi jgħidu li dan sar biss meta kienu diġa' għaddew mas-sitt (6) snin minn mindu huma (jew aħjar, l-attur Mario Mallia) kienu ġew magħrufa bħala gabillotti waħdiena tal-imsemmija art;

Illi wara li l-Qorti qieset sewwa u fit-tul l-effetti legali li jitnisslu mill-ġrajjiet li seħħew f'dan il-każ, hija tasal għall-fehma li kemm l-atturi u kif ukoll l-imħarrek Alfred Grech igawdu minn titolu ta' qbiela għal taqsimiet differenti mir-raba' mertu tal-każ. Dan qiegħed jingħad għal diversi raġunijiet;

Illi fl-ewwel lok, dan qiegħed jingħad għaliex, ir-rejalta' legali tal-qasma tal-għalqa kienet magħrufa minn kull min kellu jedd f'dik il-proprjeta', magħdud Joseph Żammit li kien ukoll parti fil-kawża li bis-saħħa tagħha dak il-kuntratt sar;

Illi fit-tieni lok, il-fatt li persuna waħda tħallas waħedha l-qbiela kollha ta' raba' maqsum, ma jwassalx b'daqshekk li kull jedd ta' qbiela li jista' għandu xi ħaddieħor li wkoll għandu l-pussess ta' xi sehem f'dak ir-raba' jisfa fix-xejn[30];

Illi fit-tielet lok, bħalma l-attur jistrieħ fuq l-għarfien mogħti lilu mis-sid bis-saħħa tal-irċevuta u tal-korrispondenza mibgħuta lill-attriċi favur it-titolu tagħhom, daqstant ieħor jirriżulta li l-istess sid għaraf ukoll lill-imħarrek Alfred Grech bħala gabillott tas-sehem mill-istess art kemm bil-ħruġ ta' riċevuta u kif ukoll b'korrispondenza;

Illi fir-raba' lok, il-Qorti ssib li hija verosimili l-prova li, f'ħajjet Joseph Żammit u bl-għarfien tiegħu (ukoll jekk mhux minn qalbu jew spontanjament) l-imħarrek Grech kien tassew jaħdem il-porzjon tal-għalqa li kienet messet

---

[30] App. Inf. **4.5.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***A. Bonello Limited vs Luiġi Aġius et***

lil ommu, u li baqa' f'dan il-pussess meta kien għalaq iċ-ċens;

Illi fil-ħames lok, huwa magħruf li l-fatt li wieħed ikun ingħata bi qbiela (jew kera) fond li min għaddihulu kien qiegħed iżommu taħt titolu li jagħlaq ma jfissirx li dik il-kirja tagħlaq ukoll mal-għeluq tat-titolu ta' min krielu[31]. Kif diġa' ngħad, il-premessi ewlenin tal-azzjoni tal-atturi u l-ewwel talba huma lkoll mibnija fuq il-bażi li l-imħarrkin m'għandhomx titolu li jiswa fil-liġi għall-art li tinsab f'idejhom. Tali premessi jinsabu kontradetti minn dak li ħareġ mill-provi, u għalhekk, it-talba kif magħmula ma tistax titqies mistħoqqa;

Illi, fis-sitt lok, ma ntweriex li l-imħarrek Alfred Grech qiegħed iżomm jew jippretendi xi titolu fuq medda akbar minn dik li messet lil ommu. Il-Qorti ma kien ikollha l-ebda eżitazzjoni li tordna t-tneħħija tiegħu minn xi partijiet mill-għalqa li jmorru lil hinn minn dik li ssejħet il-porzjon numru ħamsa (5) kieku dan irriżulta. U din id-deċiżjoni qegħda tingħata b'dik il-fehma;

Illi jibqa' l-kwestjoni dwar il-<u>ħsara mġarrba mill-atturi</u>. L-atturi xehdu li meta l-imħarrek Alfred Grech daħal fir-raba' f'Diċembru tal-1994, kien ħarat l-uċuh li kien sab. Huma kienu qabbdu persuna midħla tal-biedja u tathom stima ta' kemm kienet il-ħsara li ġarrba b'dak li sar. L-atturi jidher li siltu stima ta' wċuh li jinfirxu fuq ir-raba' kollu, jiġifieri l-għalqa kollha. L-atturi ma qalux li raw min ħarat ir-raba' u lanqas xlew lil xiħadd mill-imħarrkin in partikolari. Jidher ukoll li min ta l-istima qagħad fuq it-tagħrif li tah l-attur, u ma jissemmiex li l-uċuh li nħartu sabhom imxerrdin fl-għalqa. Aktar 'il quddiem, l-atturi ressqu prospett li juri x'kienu l-ispejjeż minfuqin u x'kien il-valur tal-wiċċ li nħarat. Il-Qorti tinnota li dan il-prospett jitla' għal somma li hija ogħla minn dik mitluba fit-tielet u r-raba' talbiet attriċi. Il-Qorti ma tistax tqis ammonti li jaqbżu dak mitlub;

[31] App. Inf **24.4.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph P. Vella pro.*** et ***vs Raymond Spiteri et***

Illi l-għaref difensur tal-imħarrek qanqal il-kwestjoni tas-siwi tal-istima bħala prova tajba tal-ħsara mġarrba mill-atturi. Il-Qorti ma dehrilhiex li kellha taħtar espert tagħha għaliex f'dak il-każ ma kien ikun tal-ebda fejda minħabba li, jekk inhu minnu li nqerdu xi wċuh, dawn ma kien għad fadal l-ebda traċċa tagħhom. Min-naħa l-oħra, l-Qorti hija konvinta li xi wċuħ tassew inqerdu u li x-xhieda tagħhom m'hijiex sempliċi stħajjil. L-imħarrek Grech jistqarr li huwa kien ħarat biss fejn kien sab it-tnibbit fil-parti tar-raba' li kienet qabblitlu ommu, li hija ftit akbar minn nofs tomna[32]. Impliċitu f'din l-istqarrija hu l-fatt li dak li ħarat ma kienx dak li kien żera' hu, u dan minkejja li dak il-wiċċ kien jinsab fil-biżża tar-raba' li jgħid li hija tiegħ. Meta din l-istqarrija titqies b'żieda mal-fatt li f'dawk il-jiem il-partijiet kienu spiċċaw jiġġieldu fiżikament (u ddaħħlet il-Pulizija), ma jkunx daqshekk stramb li, fid-dagħdigħa tal-mument, wieħed jagħmel ħsara bi tpattija;

Illi l-Qorti ssib li, fuq bażi ta' prova aċċettabbli fil-qasam ta' proċedura ċivili, l-atturi seħħilhom juru li l-imħarrek tassew għamel ħsara lil xi wċuh li kienu żergħu huma. Għar-raġunijiet li ssemmew aktar qabel, madankollu, il-Qorti la tista' tasal bi preċiżjoni għad-determinazzjoni ta' liema wċuh qered l-imħarrek u lanqas liema wċuh kienu miżrugħa f'liema parti tal-għalqa. Għalhekk, wara li qieset il-kejl tar-raba' miżmum mill-imħarrek (meta mqabbel mar-raba' kollu mertu tal-każ), u wara li qieset l-istima globali tal-ħsara fl-uċuh, hija tasal għall-fehma li l-ħsara kawżata mill-imħarrek Alfred Grech u li jrid jagħmel tajjeb għaliha titla' għal mija u tlieta u tmenin lira Maltin (Lm 183);

Illi, fl-aħħarnett, ma tressqet l-ebda prova li l-imħarrkin Michael Grech u David Grech kellhom xi sehem f'dak li ġara, jew li huma qegħdin iressqu xi pretensjoni ta' titolu fuq l-art jew xi biċċa minnha;

Għal dawn ir-raġunjiet il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

[32] Paġ. 170 tal-proċess

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li l-atturi ma seħħilhomx juru li l-imħarrek Alfred Grech qiegħed iżomm parti mill-għalqa magħrufa bħala "L-Andar tal-Qoton" fil-limiti tal-Imqabba mingħajr titolu, u in kwantu li t-talba tirreferi għal dik il-porzjoni; filwaqt li ma ntweriex li l-imħarrkin l-oħra qegħdin jivvantaw xi jedd jew għandhom xi pussess fuq l-istess art;

**Tiċħad ukoll** it-tieni talba attriċi kwantu titlob l-iżgumbrament tal-imsemmi Alfred Grech mill-porzjon tal-imsemmi raba' li huwa għandu f'idejh, u sa dik il-porzjon biss li kienet ġiet mgħoddija lilu minn ommu;

**Tilqa' t-tielet talba** u tiddikjara li l-imħarrek Alfred Grech ikkawża ħsara lill-atturi bil-ħrit ta' wċuħ li kien hemm miżrugħa f'inħawi tal-imsemmija għalqa, liema ħsara qegħda tiġi likwidata fis-somma ta' mija u tlieta u tmenin lira Maltija (Lm 183);

**Tilqa' r-raba' talba** u tikkundanna lill-imħarrek Alfred Grech biex iħallas lill-atturi s-somma ta' Lm 183 hekk likwidata bħala dannu mġarrab; u

Tordna li **l-ispejjeż tal-kawża** jitħallsu kwantu għal terz ($^{1}/_{3}$) mill-atturi, u żewġ terzi ($^{2}/_{3}$) mill-imħarrek Alfred Grech.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------